DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 35/2017

tat-3 ta' Frar 2017

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2018/1769]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2014 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tal-Ġappun għall-kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet ([1]) jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/753/UE tat-30 ta' Ottubru 2014 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju ta' Singapor għal kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet ([2]) jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/754/UE tat-30 ta' Ottubru 2014 dwar l-ekwivalenza tal-qafas regolatorju ta' Ħong Kong għal kontropartijiet ċentrali għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet ([3]) jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/755/UE tat-30 ta' Ottubru 2014 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tal-Awstralja għal kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet ([4]) jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2038 tat-13 ta' Novembru 2015 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tar-Repubblika tal-Korea għal kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([5]) jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2039 tat-13 ta' Novembru 2015 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tal-Afrika t'Isfel għal kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([6]) jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2040 tat-13 ta' Novembru 2015 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju ta' numru ta' provinċji tal-Kanada għal kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([7]) jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2041 tat-13 ta' Novembru 2015 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tal-Messiku dwar il-kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([8]) jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

([1]) ĠU L 311, 31.10.2014, p. 55.
([2]) ĠU L 311, 31.10.2014, p. 58.
([3]) ĠU L 311, 31.10.2014, p. 62.
([4]) ĠU L 311, 31.10.2014, p. 66.
([5]) ĠU L 298, 14.11.2015, p. 25.
([6]) ĠU L 298, 14.11.2015, p. 29.
([7]) ĠU L 298, 14.11.2015, p. 32.
([8]) ĠU L 298, 14.11.2015, p. 38.

(9) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2042 tat-13 ta' Novembru 2015 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tal-Iżvizzera għall-kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([9]) jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(10) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 31bc (ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31bcaa. **32014 D 0752**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/752/UE tat-30 ta' Ottubru 2014 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tal-Ġappun għall-kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 55).

31bcab. **32014 D 0753**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/753/UE tat-30 ta' Ottubru 2014 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju ta' Singapor għal kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 58).

31bcac. **32014 D 0754**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/754/UE tat-30 ta' Ottubru 2014 dwar l-ekwivalenza tal-qafas regolatorju ta' Ħong Kong għal kontropartijiet ċentrali għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 62).

31bcad. **32014 D 0755**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/755/UE tat-30 ta' Ottubru 2014 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tal-Awstralja għal kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 66).

31bcae. **32015 D 2038**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2038 tat-13 ta' Novembru 2015 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tar-Repubblika tal-Korea għal kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 298, 14.11.2015, p. 25).

31bcaf. **32015 D 2039**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2039 tat-13 ta' Novembru 2015 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tal-Afrika t'Isfel għal kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 298, 14.11.2015, p. 29).

31bcag. **32015 D 2040**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2040 tat-13 ta' Novembru 2015 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju ta' numru ta' provinċji tal-Kanada għal kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 298, 14.11.2015, p. 32).

31bcah. **32015 D 2041**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2041 tat-13 ta' Novembru 2015 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tal-Messiku dwar il-kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 298, 14.11.2015, p. 38).

31bcai. **32015 D 2042**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2042 tat-13 ta' Novembru 2015 dwar l-ekwivalenza bejn il-qafas regolatorju tal-Messiku dwar il-kontropartijiet ċentrali u r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 298, 14.11.2015, p. 42)."

([9]) ĠU L 298, 14.11.2015, p. 42.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2014/752/UE, 2014/753/UE, 2014/754UE, 2014/755/UE, (UE) 2015/2038, (UE) 2015/2039, (UE) 2015/2040, (UE) 2015/2041 u (UE) 2015/2042, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta' Frar 2017, dment li jkunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 206/2016 tat-30 ta' Settembru 2016 ([10]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2017.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

(*) L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma huwa indikat.

([10]) ĠU L 46, 23.2.2017, p. 53.